



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2012
COM(2012) 381 final

2012/0185 (COD)

Pakkett tal-affidabilità stradali

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni
għall-vetturi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan tal-‘Pakkett dwar l-Affidabilità Stradali’ huwa li jappoġġa u jinforza l-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom bil-ħsieb li jissaħħu s-sikurezza stradali u l-ħarsien tal-ambjent.

Il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi sabiex tintlaħaq il-mira għal tnaqqis fil-fatalitajiet fit-toroq bin-nofs sal-2020 kif stipulat fl-Orjentazzjonijiet ta’ Politika dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020¹. Se tikkontribwixxi wkoll lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport tat-triq marbut mal-livell baxx ta’ manutenzjoni tal-vetturi.

F’dan il-kuntest il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-infurzar tas-sistemi tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u tal-ispezzjoni waqt it-traġitt, l-aktar fil-każ fejn il-kundizzjoni teknika ta’ vettura toħloq riskju imminenti għas-sikurezza stradali, permezz ta’ miżuri bħall-irtirar temporanju jew il-kanċellazzjoni permanenti tar-reġistrazzjoni ta’ vettura.

- Kuntest Ġenerali

Qabel ma vettura titħalla titqiegħed fis-suq, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta’ approvazzjoni tat-tip rilevanti jew dawk individwali li jiggarrantixxu l-aqwa livell ta’ standards ta’ sikurezza u ambjentali. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li, għall-ewwel darba, jirreġistra kwalunkwe vettura li tirċievi l-approvazzjoni tat-tip Ewropea abbażi ta’-“Ċertifikat ta’ Konformità” li jinħareġ mill-produttur tal-vettura. Din ir-reġistrazzjoni hija l-awtorizzazzjoni uffiċjali għall-użu fit-toroq pubbliċi u tinforza d-dati differenti ta’ introduzzjoni tar-rekwiżiti tal-vetturi differenti.

Wara din l-approvazzjoni, il-karozzi fit-triq iridu jiġu sottomessi regolarment għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali. L-għan ta’ dawn it-testijiet huwa li jiżguraw li l-karozzi fit-triq jibqgħu jgawdu minn affidabilità stradali, jibqgħu sikuri u ma jkunu ta’ ebda periklu għax-xufier jew utenti oħra tat-triq. Għalhekk, il-karozzi jiġu ċċekkjati għall-konformità ma’ ċerti rekwiżiti, bħal dawk għas-sikurezza u għall-ħarsien ambjentali, kif ukoll għal rekwiżiti dwar modifiki li jsiru wara. Minħabba l-użu regolari u intensiv tagħhom l-aktar għal finijiet kummerċjali, il-vetturi użati għat-trasport professjonali ta’ oġġetti b’massa ta’ tagħbija akbar minn 3.5 tonnelli u għat-trasport professjonali ta’ passiġġieri ta’ aktar minn 8 passiġġieri huma suġġetti addizzjonalment għal spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt *ad hoc* fejn tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tekniċi fi kwalunkwe ħin u fi kwalunkwe post fl-UE.

Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta’ vettura, din tista’ tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, minħabba tibdil fis-sjieda jew trasferiment minn Stat Membru għall-ieħor għall-użu permanenti. Għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet simili dwar il-proċedura għal reġistrazzjoni ta’ vettura biex ikun żgurat li vetturi li jippreżentaw riskju immedjat għas-sikurezza fit-toroq ma jintużawx fit-toroq.

¹ COM (2010) 389 finali.

L-objettiv tar-reġistrazzjoni tal-vettura huwa li jawtorizza d-dħul fis-servizz – l-użu – ta' vettura fit-traffiku tat-triq. Din l-awtorizzazzjoni ssir viżibbli permezz tat-twaħħil tal-panja tan-numru tar-reġistrazzjoni mal-vettura u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

- Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proposta se temenda r-rekwiżiti eżistenti stipulati fil-qafas leġiżlattiv eżistenti relatat mad-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi².

Meta mqabbla mal-att eżistenti, il-proposta tipprovdi definizzjonijiet aktar preċiżi dwar il-post tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, tal-irtirar u tal-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjonijiet. Il-proposta tistipula wkoll rekwiżiti ġodda dwar ir-reġistri elettroniċi tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi u s-segwitu tan-notifiki relatati mar-riżultati tal-affidabilità stradali, ir-reġistrazzjoni mill-ġdid u d-distruzzjoni tal-vetturi.

- Il-konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti mal-għan tal-UE li trendi t-toroq aktar sikuri kif deskritt fil-White Paper dwar it-Trasport³ u għandha l-għan li timplimenta l-istrateġija speċifika relatata ma' vetturi aktar sikuri fi ħdan l-Orjentazzjonijiet dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020.

Finalment, il-proposta hija konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet relatati mat-tnedija mill-ġdid tal-politika dwar is-Suq Uniku kif previst mir-Rapport Monti ta' Mejju 2010⁴ fil-qasam tat-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi għaċ-ċaqliq transfruntier tal-karozzi użati.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni

Fl-iżvilupp tal-proposta tal-pakkett tal-affidabilità stradali, il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet interessati b'diversi modi:

- Kien hemm konsultazzjoni ġenerali fuq l-internet li kopriet l-aspetti kollha tal-proposta
- L-esperti u l-partijiet interessati ġew ikkonsultati f'sessjonijiet ta' ħidma
- Twettaq studju dwar alternattivi futuri għall-infurzar tal-affidabilità stradali fl-Unjoni Ewropea biex jiġu identifikati miżuri possibbli u biex tiġi elaborata għodda ta' analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża relatata mal-effetti tal-ittestjar tal-affidabilità stradali

² Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, kif emendata.

³ COM (2011) 144 finali.

⁴ http://ec.europa.eu/internal_market/strategy/docs/monti_report_final_10_05_2010_en.pdf.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif ġew meqjusa

Matul il-konsultazzjoni fuq l-internet, tqajmu diversi kwistjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tipprovdi rendikont sħiħ tal-kwistjonijiet sostantivi mqajma u tiddiskuti l-mod li bih ġew ikkunsidrati.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mid-29 ta' Lulju 2010 sal-24 ta' Settembru 2010. Il-Kummissjoni rċeviet 9,653 tweġiba mingħand ċittadini, awtoritajiet tal-Istati Membri, fornituri ta' apparati, ċentri tal-ittestjar, assoċjazzjonijiet tal-garaxxijiet u produtturi tal-vetturi.

Ir-riżultati huma disponibbli fi http://ec.europa.eu/transport/road_safety/take-part/public-consultations/pti_en.htm.

- Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert

Dominji xjentifiċi/tal-għarfien espert ikkonċernati

Il-proposta kienet teħtieġ l-evalwazzjoni ta' għażliet ta' politika differenti kif ukoll tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali marbuta magħha.

Il-metodoloġija użata

Twettaq studju dwar l-impatti tal-għażliet differenti ta' politika minn konsulent estern ('Europe Economics') bl-użu ta' diversi rapporti xjentifiċi u ta' evalwazzjoni, l-aktar bħala sorsi ta' mudelli u dejta għall-konverżjoni fi flus tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet differenti ta' politika. L-istudji li ġew użati l-aktar b'mod estensiv jinkludu dawn li ġejjin:

- Ir-Rapport mill-Kummissjoni lil-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq – Perjodi ta' rappurtar 2005-2006 u 2007-2008 (COM(2010) 754 finali),
- AUTOFORE (2007)
- "MOT Scheme Evidence-base" Dipartiment tat-Trasport (ir-Renju Unit, 2008),
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali 2008 – Strateġiji għall-prevenzjoni tal-inċidenti fit-toroq tal-Ewropa,
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali tat-Trakkijiet 2009,
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali tal-Muturi 2010,
- Rapporti ta' TÜV 2009/2010.

Il-mezzi użati biex il-parir tal-esperti jkun disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapporti ta' riċerka lesti u approvati kollha huma disponibbli jew se jintgħamli disponibbli fil-websajt tad-DĠ għall-Mobilità u t-Trasport.

- Valutazzjoni tal-Impatt

Għall-aspetti prinċipali tal-proposta, ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin:

- (a) L-approċċ ta' 'Ebda tibdil ta' politika' jipprovdi l-każ ta' referenza li miegħu jitqabblu l-effetti tal-għażliet ta' politika oħrajn. F'din l-għażla, jinżamm il-qafas legali attwali tal-UE. Barra minn hekk, ma jkun hemm ebda adattament fuq żmien qasir tal-anness tekniku tad-Direttiva 2009/40/KE peress li l-anness ġie riċentement emendat permezz tal-proċedura ta' komitoloġija (bid-Direttiva 2010/48/UE). Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tat-testijiet tal-affidabilità stradali ma jinbidlux u ma tiġi adottata ebda miżura relatata mal-iskambju tal-informazzjoni. Ikompli n-nuqqas ta' qafas għall-iskambju tad-dejta.
- (b) L-"Approċċ ta' leġislazzjoni mhux vinkolanti" jkun jikkonsisti ma' implimentazzjoni aħjar u monitoraġġ aħjar tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti. Din l-għażla ma tintroduċix leġislazzjoni ġdida, iżda jkun hemm sforzi ġodda u akbar mill-Kummissjoni biex jittejjbu l-istandards tal-ittestjar u tal-infurzar, kif ukoll azzjonijiet biex ikun hemm inċentivi għall-iskambju tad-dejta.
- (c) L-"Approċċ leġislattiv" ikun ibbażat fuq żewġ komponenti:
 - Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li titjieb is-sikurezza tal-vetturi fit-triq, l-ewwel komponent huwa li ssir reviżjoni 'l fuq tal-istandards minimi tal-UE għat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali (PTI – 'periodic roadworthiness test') u għall-ispezzjonijiet waqt it-traġitt (RSI - 'roadside inspections') mhux mistennija u jiġu definiti l-istandards obbligatorji. Dan huwa essenzjali sabiex jiġi evitat li jkun hemm nuqqasijiet fis-sistema li jnaqqsu l-effikaċja tal-infurzar tal-affidabilità stradali fit-totalità tagħha.
 - Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li d-dejta meħtieġa għat-testijiet tal-affidabilità stradali u d-dejta li toħroġ minn dawn it-testijiet tkun disponibbli, it-tieni komponent tas-sistema ġenerali jkun jinkludi, fit-tieni fażi, l-istabbiliment possibbli ta' sistema ta' skambju tad-dejta armonizzata tal-UE li torbot flimkien il-bażijiet tad-dejta eżistenti bil-ħsieb li ttejjeb l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-pakkett dwar l-affidabilità stradali tal-UE.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tiddefinixxi l-irtirar u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjonijiet.

Din il-miżura tiżgura li l-vetturi li jikkostitwixxu riskju immedjat għas-sikurezza stradali minħabba nuqqasijiet perikolużi ma jkunux permessi fit-triq billi r-reġistrazzjoni tagħhom tiġi rtirata sakemm jergġu jgħaddu b'suċċess minn test ieħor tal-affidabilità stradali. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, ma għandux ikun meħtieġ li wieħed jerġa' jgħaddi mill-proċess tar-reġistrazzjoni meta jitneħħa l-irtirar.

Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi grad ta' proċess awtomatizzat fejn ir-reġistrazzjoni oriġinali ta' vetturi li ġew irreġistrati mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jiġu kkanċellati awtomatikament. Dan se jevita l-eżistenza ta' reġistrazzjonijiet paralleli għal kull vettura fi Stati Membri differenti. L-obbligu tat-tweġiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali huwa marbut mal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Għalhekk, l-eżistenza ta' reġistrazzjonijiet paralleli għal

kull vettura fi Stati Membri differenti tkun tirriżulta f'obbligu li l-vettura tgħaddi minn testijiet tal-affidabilità stradali f'dawn l-Istati Membri differenti.

Ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi li, wara test perijodiku tal-affidabilità stradali, jkun hemm il-ħtieġa li jiġu skreppjati u dawk notifikati bħala 'vetturi fl-aħħar stadju ta' 'ħajja' għandhom jiġu kkanċellati wara li ssir in-notifika tal-kanċellazzjoni.

Il-proposta tintroduċi wkoll l-istabbiliment ta' reġistri elettroniċi ta' reġistrazzjoni li fihom l-informazzjoni kollha relatata mar-reġistrazzjoni tal-vettura. Din l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-fini tal-ittestjar tal-affidabilità stradali bħala biss parti mill-informazzjoni li hija stampata fuq iċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni. Ir-reġistru jipprovdi għas-segwitu li għandu jitwettaq wara n-notifika tar-risultati ta' test tal-affidabilità stradali, tar-reġistrazzjoni mill-ġdid u tad-distruzzjoni ta' vettura.

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li, permezz ta' atti ddelegati, taġġorna l-annessi filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati ta' konformità kif ukoll il-progress teknoloġiku.

- Bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu⁹¹ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba r-raġunijiet li ġejjin: ir-rekwiżiti eżistenti huma implimentati b'mod differenti mill-Istati Membri b'diskrepanza kbira fl-infurzar tas-sistemi tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt b'impatti negattivi kemm fuq is-sikurezza stradali kif ukoll fuq is-suq intern. Fluss bla problemi fil-futur tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi jeħtieġ l-eżistenza ta' reġistri tar-reġistrazzjonijiet b'kontenut armonizzat fl-Istati Membri kollha.

Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet relatati maż-żieda fis-sikurezza stradali u l-ħarsien ambjentali billi tinforza s-sistmea tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u toħloq il-qafas xieraq għal fluss bla problemi tal-informazzjoni.

- Għażla tal-istrument

Strumenti proposti: Emenda għal Direttiva eżistenti.

L-użu ta' emenda għad-Direttiva eżistenti huwa meqjus bħala xieraq.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet tat-trasport tat-triq kummerċjali kif ukoll bħala dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vettura biex ikun żgurat li vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali ma jintużawx fit-toroq.
- (2) Ir-reġistrazzjoni ta' vettura ttipprovdi għall-użu tagħha fit-toroq pubbliċi. Id-Direttiva 1997/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi⁷ tapplika biss għall-għoti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi. Irrispettivament minn dan, speċjalment fil-każijiet fejn l-użu tal-vettura fit-toroq pubbliċi jkun joħloq riskju, minħabba s-sitwazzjoni teknika tal-vettura, għandu jkun possibbli li tiġi rtirata r-reġistrazzjoni għal ċertu perjodu ta' żmien. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-irtirar tar-reġistrazzjoni, ma għandux ikun meħtieġ li wieħed jerġa' jgħaddi mill-proċess tar-reġistrazzjoni meta jitneħħa l-irtirar.

⁵ ĠU C, p.

⁶ ĠU C, p.

⁷ ĠU L 138 of 1.6.1999, p. 57.

- (3) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi kkanċellata reġistrazzjoni ta' vettura fil-każijiet fejn, fost oħrajn, vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor jew ġiet żarmata jew skreppjata.
- (4) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tinżamm f'reġistri nazzjonali.
- (5) F'każijiet fejn jinstabu nuqqasijiet perikolużi matul test tal-affidabilità stradali, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi rtirata mill-awtoritajiet kompetenti sakemm il-vettura tgħaddi minn test tal-affidabilità ieħor.
- (6) Sabiex din id-Direttiva tiġi ssupplimentata b'aktar dettalji tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb ta' tagħgħor l-annessi filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-leġislazzjoni tal-KE dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kontenut ta' ċertifikati ta' konformità kif ukoll il-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (7) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ħadu l-impenn li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti b'hal dawn hija ġustifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 1999/37/KE hija emendata kif ġej:

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 huma sostitwiti kif ġej:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għad-dokumenti ta' reġistrazzjoni għal vetturi użati mill-Istati Membri.”

2. Il-punti li ġejjin jiżdiedu mal-Artikolu 2:

“(e) ‘irtirar ta' reġistrazzjoni’: għandha tfisser perjodu limitat ta' żmien li fih il-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq, mingħajr ma jkun involut proċess ġdid ta' reġistrazzjoni;

(f) ‘kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni’: għandha tfisser kanċellazzjoni permanenti tal-awtorizzazzjoni tal-vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq filwaqt li jkun involut proċess ġdid ta' reġistrazzjoni.”

3. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 3:

"4. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dejta dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom f'reġistru elettroniku. Id-dejta f'dan ir-reġistru għandu jkun fiha l-elementi kollha skont l-Anness I kif ukoll ir-riżultati ta' testijiet obbligatorji tal-affidabilità tad-dejta skont ir-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali]. Huma għandhom jagħmlu disponibbli d-dejta teknika dwar il-vetturi lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri tal-ittestjar involuti fl-ittestjar tal-affidabilità stradali."

3. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. Fil-każ li l-awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru jirċievi notifika ta' test tal-affidabilità stradali li juri li l-vettura ġiet ivvalutata b'nuqqasijiet perikolużi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament XX/XX/XX [dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali], ir-reġistrazzjoni għandha tiġi rtirata u għandu jitwettaq test ieħor tal-affidabilità stradali.

L-irtirar għandu jkun effettiv sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità ta' reġistrazzjoni għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq.

2. Fil-każ li awtorità ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura fl-aħħar stadju ta' ħajja skont id-Direttiva 2000/53/KE⁸, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkanċellata u din l-informazzjoni għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku.

4. Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 5:

"3. Fil-każ li Stat Membru jirċievi notifika li l-vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni ta' din il-vettura fuq it-territorju tiegħu.

5. L-Artikoli 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 6
Atti ddelegati

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 7 bil-ħsieb li tadatta l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku.

⁸ ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

Artikolu 7
Eżerċitar ta' delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 6 għandha tingħata għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega tas-setgħat imsemija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

Artikolu 2
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal mhux aktar tard minn [XXXX]. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet mingħajr dewmien.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet [36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenien tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4
Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President